# Kumitat Amministrattiv FLEUR-DE-LYS

## Kunsill Lokali Birkirkara

Minuti tas-17 -il laqgħa tat-Tieni Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-lys li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar it-Tnejn 25 ta' April 2016, fil-5.00 p.m.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-lys** | Dott. Francesca Zarb |
| **Membri tal-Kumitat Amministrattiv** | Is-Sur Lino Camilleri (Assent) |
| | Is-Sur Anthony Gatt |
| | Is-Sinjura Helen Montebello |
| **Sindku tal-Kunsill Lokali Birkirkara** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech (Assenta skużata) |

**L-Uffiċċjal**

| | |
|---|---|
| **Segretarju Eżekuttiv** | Neil Spiteri |

Għas-sbatax -il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv kienu preżenti ċ-*chairperson* Dott. Francesca Zarb, is-Sur Anthony Gatt u s-Sinjura Helen Montebello. Is-Sur Lino Camilleri kien assenti.

Għal din il-laqgħa ma kienx hemm preżenza tal-pubbliku.

1. **Talba**

   Il-laqgħa bdiet billi ċ-*Chairperson*, Dott. Francesca Zarb qalet it-talba.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 16**

   Il-minuti tas-16-il laqgħa tqassmu ma' l-aġenda u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijet biċ-*Chairperson* Dott. Francesca Zarb ppproponiet li l-minuti jiġu approvati. Is-Sinjura Helen Montebello ssekondat u l-minuti ġew approvati u ffirmati.

3. **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti.**

Rigward il-finanzi, u l-allokazzjoni għal *Fleur de Lys*, is-Segretarju Eżekuttiv qal li din żdiedet minn 97,984euro għal 100,819euro mis-sena 2015 għas-sena 2016.

4. **Ftuħ uffiċċjali Fleur de Lys Gate**

Ġie diskuss il-ftuħ uffiċċjali ta' Fleur de Lys Gate l-Ħamis 28 ta' April 2016. Il-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur de Lys ilmenta illi ma ġiex ikkonsultat la meta se jinfetaħ, u lanqas fi preparamenti oħra. Il-Kumitat qal li ma ġiex imsemmi lanqas fil-*leaflet* kommemorattiv. Madankollu l-Kumitat se jkun qed jattendi b'rispett lejn il-pubbliku.

5. **Matters Arising**

Is-Sur Anthony Gatt semma li hemm tliet konki bil-pjanti fejn hemm l-Arkata ta' Fleur de Lys imma n-naħa ta' Santa Venera. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn huma fit-territorju ta' Santa Venera u l-iktar li jista' jagħmel huwa li jsir ilment ma' dan il-kunsill.

Is-Sinjura Helen Montebello reġgħet ilmentat dwar is-sitwazzjoni fi Triq Brigella, u għaliex għadhom ma ġewx tat-Transport Malta biex jissuġerixxu xi ħaġa aħjar bħala *traffic management*. Is-Segretarju Eżekuttiv alloka persuna mill-istaff biex tagħmel kuntatt mas-Sinjura Montebello u ma' TM.

6. **Aġġornament**

Il-laqgħa spiccat fis-6 pm u ġiet aġġornata *sine die*.

Dott. Francesca Zarb

Chairperson

Neil Spiteri

Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv